MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 594/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Adrian Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm192.20) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon fin-numru 21382342 (numru tal-klijent 1015762) skond ma jirrizulta mill-anness Dokument ‘A” u liema servizz gie installat fil-fond “Toffee Cons” 36, Triq , Triq San Gorg, St. Julians.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta' Lulju 1998 sad-data tal-effettiv pagament u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm192.20) bl-imghax legali dekorriblii mill-15 ta' Lulju 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------